MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2013

Numru. 1053/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Godwin Scerri]**

**vs**

**Dean Curmi**
**Silvio Zammit**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Dean Curmi u Silvio Zammit detenturi tal-karta tal-identita` numru 398494(M) u 243395(M) rispettivament.

Akkuzati talli:
1. fil-lejl ta’ bejn id-29 u t-30 ta’ Settembru 2012 habta ta’ 12:00am gewwa l-foss ta’ San Gakbu l-Belt Valletta, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta’

Daniel Seychell f'periklu car, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta' natura gravi hekk kif iccertifikat minn Dr. Edozien Kido numru mediku 5376 mill-Isptar Mater Dei u dan bi ksur ta' artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkagunaw hsara volontarja, hassru jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` diversi oggetti u hwejjeg, liema hsara ma tiskorrix l-1,116.69ewro, izda tiskorri l-ammont ta' 116.47ewro ghad-dannu ta' Danielle Seychell u dan bi ksur ta' artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta' artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Il-Qorti hija mitluba tikkunsidra lil Silvio Zammit bhala recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. lil Silvio Zammit wahdu li fl-istess data, lok u hin ikkommetta reat waqt li kien taht ordni ta' probation, liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta minn Dr. G. Grixti LL.D nhar it-2 ta' Lulju, 2011, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, flimkien jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, tipprovdi ghas-sigurta ta' Daniel Seychell, ghaz-zamma tal-ordni pubblika, u/jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuni lezi u/jew ta' individwi ohra minn fastidju u/jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, billi tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat ai termini tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti pprezenati; inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-ezami fejn ammettew l-akkuzi kif dedotti kontrihom, u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghataw z-zmien opportun sabiex ikunu jistghu jirregolaw ruhhom.

Rat id-dikjarazzjoni tal-parte civile li ddikjara li thallas a saldu ta’ kull pretensjoni.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 216, 325(b) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed issib lill-imputati Dean Curmi u Silvio Zammit hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrihom u stante li t-tielet akkuza hija assorbita f’tal-ewwel akkuza, u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 qed tillibera lill-imputat Dean Curmi bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor zmien sena (1) mil-lum, u Silvio Zammit stante li hu recidiv qed tordna li l-probation order moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fis-7 ta’ Lulju 2011, terga’ tibda tiddekorri mill-gdid u cioe` ghal perjodu ta’ tlett (3) snin mil-lum u dan skont Artikolu 23(1)(e) tal-Kap 446.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-Probation Order annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------